

# Sant'Andrija fir-Raħal tal-Għargħur

**Mario Fenech**

Tant snin ilu fl-istorja, tista tgħid li kull fejn kien ikun hemm konċentrazzjoni ta' sajjieda fl-istess lokal dawn kienu jinġabru fi grupp ta' devozzjoni lejn il-Qaddis Sant'Andrija.



Dan l-Appostlu kien minn dejjem meqjus bħala l-Qaddis Padrun tas-sajjieda għal daqstant dawk kollha li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom minn dan il-mistier u li kienu joqgħodu fir-raħal tal-Għargħur, xtaqu li jkun hemm Knisja żgħira ddedikata lil dan il-Qaddis.

Flus bil-bosta ma kienx hemm allura dawn raw kif għamlu biex f'wieħed mill-altari tal-Knisja ta' San Bartilmew jkun hemm x-Xbieha ta' dan il-Qaddis. Għalkemm ma hemm l-ebda dokumenti li jagħtuna ħjiel ta' xi kappella żgħira mibnija f'ġieħ dan il-Qaddis fil-limiti tar-Raħal, jista jkun li d-devozzjoni lejn dan il-Qaddis kienet nibtet minn hemm.

Meta tpoġġa fil-post tiegħu fuq l-Altar, il-Kwadru tal-Madonna tal-Providenza minbarra x-xbieha tal-Madonna kien fih ukoll ix-xbiehat ta' Sant'Andrija u San Girgor il-Kbir. Żewġ xbiehat oħra fl-istess kwadru kienu dawk ta' Santa Rosalija u Sant'Antnin.

Fil-każ ta' San Girgor, nafu li dan kellu knisja żgħira ddedikata lilu fl-inħawi magħrufa bħala "tal-Ferha" li kienet ġiet ipprofanata mill-Isqof Baldassere Cagliares fis-sena 1618.

Jista' jkun ukoll li hemm xi ħsieb li timbena xi knisja żgħira oħra fl-inħawi tar-raħal u li kellha tkun iddedikata lil Sant'Andrija, ħsieb li ma seħħx u għaldaqstant

il-beni jew Legati li kellhom ikunu marbuta magħha ġew mgħollija għal fuq dan l-Altar.

Kienet ħaġa komuni dak iż-żmien li meta kienet tinbena xi kappella fil-kampanja magħha kien ikun hemm marbuta xi legati. Meta l-Knisja kienet tiġi pprofanata, xi ħaġa li kienet issir spiss dak iż-żmien, dak kollu li kien ikun hemm marbut magħha kien jiġi ttrasferit fil-Knisja Parrokkjali.

Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Providenza llum jinsab fil-Knisja ta' San Ġwann Battista li tinsab biswit iċ-Ċimiterju tar-raħal tal-Għargħur.

Minflok dan il-Kwadru kien tpoġġa dak li hemm illum fuq dan l-altar. Huwa ddedikat lil Madonna taċ-Ċintura. Dan għalkemm mhux iffirmat mill-artist, jidher sew li huwa xogħol tal-artist Francesco Zahra. Flimkien max-xbiehat tal-Madonna u l-Bambin, fil-kwadru jidhru wkoll il-qaddisin Sant'Andrija, San Girgor il-Kbir, Sant'Antnin, Santa Rosalija u Santa Monika.

Il-fatt li fit-tieni kwadru l-artist inkluda mill-ġdid lil Sant'Andrija u lil San Girgor fost l-oħrajn, jagħtina x'nifhmu li d-devozzjoni lejn dawn iż-żewġ qaddisin baqgħet titkattar matul iż-żmien, jew li kien għad hemm xi legati flimkien b'obbligi mportanti marbuta ma dan l-altar li mil-bidu nett tal-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta' San Bartilmew fil-Għargħur kellu x-xbieha ta' Sant'Andrija l-ewwel dixxipju li emmen nkluż fil-tila tiegħu.




***Inċiżjoni antika ta' Sant'Andrija***